BIRKIRKARA

Minuti tal-ħamsin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2016 fis-6pm.

| | |
|---|---|
| | **Il-Membri** |
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta)<br>Is-Sur Mark George Abdilla (Assent skużat)<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenta skużata) |
| **<u>L-Uffiċċjal:</u>**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, is-Sur John Borg, u s-Sur Kaylocke Buhagiar. Il-Kunsillier is-Sur Mark George Abdilla kien assent skużat u Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien preżenti ċ-*chairperson* is-Sur Matthew Mangion.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet skużata.

Għal din il-laqgħa kien hawn preżenti s-Sur Arthur Pizzuto, l-eks Segretarju Eżekuttiv.

BIRKIRKARA

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 1. Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa numru 49

1.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 49, ġew imqassma u ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament.

## 2. Punti mqajjma mill-minuti

2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien kiteb lid-Direttur Gvern Lokali dwar il-proposta tal-GreenPak li jibdew jiġbrulna l-WEEE f'*pilot project*. Huwa qal illi d-dipartiment waqqfu milli jidħol f'xi ftehim jew joħroġ tender għall-bejgħ tal-WEEE. Segwiet diskussjoni u s-Segretarju intalab jippressa lid-dipartiment peress li l-Kunsill kien se jiffranka l-flus jekk il-WEEE jinġabar minn GreenPak.

## 3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja qal illi kien se jorganizza sotto kumitat sabiex jieħu ħsieb li jsir il-mafkar dedikat lill-vittmi tan-nar (mill-1930 lil hawn) u stieden lill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami biex jibgħat rappreżentant f'dan il-kumitat. L-ewwel li se jsir f'dan is-sotto kumitat hu li tinħareġ l-istima tax-xogħlijiet.

3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li s-Sur Andrea Camilleri rriżenja mill-impjieg tiegħu. Hija qalet ukoll illi l-impjegata Mandy Carly talbet laqgħa mas-Sindku u s-Sindku qaltilha illi b'xi mod trid tidħol xogħol għax il-Kunsill ma jaffordjax illi jestendi l-*unpaid parental leave*. Is-Sindku ma tixtieqx illi tittieħed azzjoni qabel ma nkellmuha u naraw l-affarijiet. Ħa nippruvaw inkellmuha din il-ġimgħa u jekk tibqa' ma tweġibx nibgħatu ittra reġistrata, u finalment nieħdu d-deċiżjoni.

## 4. Korrispondenza

4.1 Inqrat ittra mis-Sinjura Marthese Ebejer dwar pendenzi li din qed tgħid li trid tieħu mingħand il-Kunsill li jammontaw għal 1100euro. Is-Sinjura Ebejer qalet li kienet tqabbdet tieħu ħsieb il-kompjuters ta' l-*internet centre*. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li din diġa ġiet diskussa drabi oħra u ma hemm xejn x'irid isir. Ġie deċiż illi l-Kunsill għandu jwieġeb lis-Sinjura li jekk tħoss li għandha raġun tqabbad avvukat.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kitiblu d-Direttur Gvern Lokali sabiex jerġa' jitlob lill-Kunsill jirrikonsidra l-oġġezzjoni li għandu l-Kunsill dwar tibdil fl-ismijiet ta' Misraħ it-Tiġieġ u Sqaq it-Tiġieġ. Madankollu l-Kunsill iħoss li hemm distinzjoni ċara bejn Misraħ u Sqaq u ma għandu jinbidel xejn.

## 5. Tender BLC2-15 Ġbir ta‘ Skart b’Emerġenza

5.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara l-Bord ta’ l-Appell tat raġun lill-Kunsill dwar il-proċedura ntużata fl-aġġudikazzjoni, *Joint Ventures Ltd* ressqu l-Kunsill u lill-kuntrattur WM il-Qorti.  L-ewwel sedura se tkun fis-27 ta’ Ġunju.

5.2  Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami staqsa jekk ġejniex imwaqqfa milli naghtu t-*tender*. Is-Segretarju qal illi peress li *Northern Cleaning* irtiraw minn Birkirkara, il-Kunsill iffirma kuntratt ta’ emerġenza ma’ WM Environmental, l-irħas offerent sabiex jipprovdi s-servizz sakemm tinqata’ l-kawża.  Hu qal illi dwar dan kellu kommunikazzjoni mad-Dipartiment.

5.3  Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami rrimarka illi bħalissa hawn rebus fil-ġbir ta’ skart u qal li Ta’ Paris filgħodu  kien hemm sitwazzjoni tal-biżgħa u jispera li min ħa l-kuntratt mhux se jwaqqana għaċ-ċajt.

5.4  Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal illi ċerti nies, speċjalment barranin, għadhom mhumiex jirrispettaw il-ħinijiet ta’ meta jinġabar l-iskart u joħorġu l-iskart wara li jgħaddi l-kuntrattur.

5.5 Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal illi din mhix sitwazzjoni ta’ hawn biss għax anke f’San Pawl il-Baħar, l-iskart jinġabar kuljum u xorta kullimkien mandra.

5.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech appellat biex ir-Reġjun taċ-Ċentru jitlob għal *green wardens*.  Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li bħala reġjun se jiltaqgħu mal-Ministru.

5.7  Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi minn Ġunju sa Settembru hemm bżonn aktar *skips*.

## 6. Kwotazzjoni Arja Kondizzjonata fis-Sala, BLCQ002-2016

6.1 Għal din il-kwotazzjoni tefgħu l-offerti tagħhom CAS Ltd u *Solar Engineering*.  L-offerta ta’ *CAS* kienet ta’ 3,252euro (VAT inkluża) u dik ta’ *Solar Engineering* kienet ta’ 5,321euro (Vat inkluża).  CAS ikkwota erba’ units ta’ 24,000 BTU –il wieħed.  Il-Kunsillier is-Sur John Borg qal li qabel ma jixtraw xi *units* għandna nkunu ċerti li dawn għandhom *inverters* biex ma jaħlux dawl eċċessiv.  Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi jaħseb li erba’ units huma wisq.  Kien hemm qbil illi jekk il-units ta’ CAS għandhom l-*inverters*, il-Kunsill jixtri tnejn għall-bidu biex naraw kif immorru.

## 7. Publikazzjoni tal-Kunsill

7.1 Il-Kunsillier is-Sur Liam Gauci qal illi l-Kunsill ġie avviċinat minn Profs Charles Briffa sabiex jinkiteb ktieb dwar personaġġi magħrufa minn Birkirkara li għamlu ġieħ kemm f’Malta kif ukoll barra minn Malta.  Bħala Kunsill avviċinajna lil *horizons*, fuq xewqa ta’ l-awtur innifsu u *horizons* offrew li jassorbu l-ispejjeż kollha relatai mal-publikazzjoni li jinkludu loġistika u *marketing* u kull ma jridu huwa 1100 euro.  Jagħtu 100 kopja ta’ dan il-ktieb lill-Kunsill u l-awtur u l-Kunsill iżommu d-drittijiet legali tagħhom.  *Horizons* tagħti lill-Kunsill 100 ktieb differenti minn tagħhom biex jintużaw kif irridu.  Is-Sur Gauci qal illi l-awtur diġa’ tana l-ewwel *draft* u jekk naghtu *go ahead*, din is-sena stess ikun ippublikat għall-fiera tal-ktieb.

7.2  Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi rridu noqogħdu attenti għaliex mill-esperjenza tiegħu d-Dipartiment kien żammna fil-passat għax tiġi qisha donazzjoni.

7.3 Il-Kunsillier is-Sur Liam Gauci qal illi *horizons* diġa' għamlu dan it-tip ta' xogħol ma' Kunsilli oħra.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġie nkarigat jiċċekkja mad-Dipartiment.

## 8. Risposta għall-*management letters* taż-żewġ *audits*

8.1 Peress li l-*accountant* tal-Kunsill kien jinsab indispost, din it-tema ġiet maqbuża u ntlaħaq ftehim li ssir laqgħa urġenti tal-Kunsill nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2013 fil-5pm peress li hemm limitu ta' kemm nistgħu ndumu biex inwieġbu l-*management letters*.

## 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti, skeda 36 u *Petty Cash*

9.1 L-iskeda tal-*petty cash* u tal-pagamenti 36 ġew approvati fuq proposta tal-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg.

9.2 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab il-kont ta' l-ewwel fażi tal-proġett f'Ta' Paris ħalli jgħaddih lir-reġjun. Dan se jintbagħtlu wara l-laqgħa.

Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi nhar l-Erbgħa se jidher quddiem il-Bord tal-Governanza u għadu ma fehmx x'kienet l-akkuża kontrih. Hu qal li l-kont tal-V&C tħallas, għal Tommaso Dingli u niċċa ta' l-erwieħ kien hemm *tender*, u anke tender tal-PPP kien hemm.

Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-mozzjoni oriġinali saret meta saru jafu li nħadem tarmak bla tender fosthom tarmak f'Tommaso Dingli, parking f'Ta' Paris, Sqaq it-Tiġieġ u xogħol f'Bużawra.

Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami rrimarka illi l-kont ta' Sqaq Tiġieġ kien tħallas allura bilfors kien hemm tender u ftehim. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma kienx hemm.

Is-Segretarju Eżekuttiv preċedenti s-Sur Arthur Pizzuto qal illi kien ħadem V&C għax Polidano ma riedx jaħdem. Hu qal li Bużawra kien xogħol ta' emerġenza.

Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li Bużawra kien hemm problema ta' drenaġġ imma xorta ma kienx hemm tender tiegħu. Hija qalet ukoll li t-tieni tenderer ma kienx V&C.

Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami talab xi minuti ta' xi laqgħat, bejn Diċembru 2012 sa Marzu 2013. Is-Segretarju attwali se jibgħathomlu.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.50pm u ġiet aġġornata *sine die*.

BIRKIRKARA

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq

http://www.birkirkaralocalcouncil.com/live-feed